# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU. 1567

Każ Nru 2181/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Zaren Clinton Minton
u
Sovereign Hotels Ltd

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 12 ta' Jannar 2005

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie preżentat fit-18 ta' Marzu 2004 mill-Appellant Zaren Clinton Minton fejn allega li huwa kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-soċjetá Sovereign Hotels Ltd. Huwa kien assistit mill-Avukat Leslie Cuschieri. Il-Kumpanija Appellata nnegat dan. Hija kienet rappreżentat mis-sur Martin Buttigieg, *General Manager*, li kien assistit sal-20 ta' Settembru 2004 mill-Avukatessa Ramona Frendo, u minn dik id-data 'l quddiem mill-Avukat Alex Perici-Calascione. Inżammu tnax il-seduta.

Ai termini tal-artiklu 78(1) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura u għal raġunijiet li jirriżultaw mill-atti ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' fiż-żmien preskritt mill-liġi.

**2. Fatti tal-Każ**

L-Appellant kien jaħdem mal-Kumpanija Appellata mis-16 ta' Ġunju 1998 sa l-aħħar ta' Settembru 2000 meta telaq minn jeddu biex isib impieg ieħor. Iktar tard, f'Novembru tal-istess sena huwa reġa impjega ruħu mal-Kumpanija Appellata peress illi l-impieg li kien se jieħu ma seħħx. Huwa ġie liċenzjat fit-30 ta' Diċembru 2003 allegatament minħabba l-komportament ħażin tiegħu fuq ix-xogħol. It-Tribunal għamilha ċar waqt is-smiegħ tal-każ illi għad li l-Appellant kien ħadem mal-Kumpanija Appellata għal żewġ perijodi b'intervall ta' xi xhur dan il-każ kien qed jittratta biss l-aħħar impieg tiegħu li ġie terminat allegatament għal raġuni ngusta.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kellu kwistjoni ftit diffiċli quddiemu peress illi kien hemm nuqqas ta' qbil sejru bejn il-partijiet fuq il-fatti preżentati. Minn naħa waħda kien hemm serje ta' akkużi fuq l-Appellant li fl-assjem tagħhom huma suffiċjenti biex l-Kumpanija Appellata tipprova l-każ tagħha. Mill-banda l-oħra l-Appellant ċaħad kompletament l-allegazzjonijiet tal-Kumpanija Appellata u kważi ried jimplika li kien hemm xi konġura kontrih mill-membri diversi li xhedu. Peress li t-Tribunal kien affaċċjat minn sitwazzjoni fejn kien hemm in ballo l-kredibilitá, jew aħjar in-nuqqas tagħha, kellu bilfors jagħarbel ix-xhieda mogħtija u fl-istess ħin jimxi skond il-bilanċ ta' probabilitá.

Irid jingħad illi f'każi quddiem it-Tribunal il-livell ta' prova mhux neċessarju li jkun għoli daqs kemm wieħed jistenna per eżempju quddiem Qorti Kriminali. It-Tribunal irid ikun ċert li l-prinċipal kellu fattwalment u raġevolment għax jaħseb illi l-impjegat ikun kiser ir-regolamenti wara s'intendi li jkun għamel l-investigazzjonijiet neċessarji. Ma hemmx il-prinċipju ta' "*beyond a reasonable doubt*" li nsibu fi proċeduri quddiem organi ġjudizzjarji kriminali.

Fil-każ in eżami t-Tribunal ried jaċċerta ruħu jekk l-allegati akkużi li ġie addebitat bihom l-Appellant kienux reali jew xi ħlieqa ta' min allegahom, riżultat tal-allegata konġura kontrih. Hemm numru ta' xhieda li qablu fuq l-atteġġjament tal-Appellant li mill-banda l-oħra huwa innega. It-Tribunal deherlu li għandu jiffoka fuq dak li xehed is-sur Martin Buttigieg għas-sempliċi raġuni li l-Appellant jirrispettah u għandu fiduċja fih. Dana jirriżulta mix-xhieda tiegħu stess fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2004 fol.51 fejn stqarr testwalment "*He was my superior, I have respect for him, I still have great respect for him; he is a gentleman, he was a gentleman when I was working for him*". Jirriżulta ampjament ċar mix-xhieda tas-sur Buttigieg li mhux biss l-Appellant kien ħati tal-azzjonijiet li bihom ġie mixli iżda li kien imwissi diversi drabi mill-istess sur Buttigieg fuq l-atteġġjament tiegħu. Jirriżulta wkoll, wara domanda tal-istess Tribunal (seduta tad-29 ta' Settembru 2004 fol. 9-10) illi t-twissijiet kienu veri twissijiet li kien jagħtih is-sur Buttigieg li kien jgħidlu li "*you are going to lose your job*".

Bażikament l-allegati nuqqasijiet tal-Appellant ġew pruvati. Huma wkoll nuqqasijiet li komplessivament huma serji biżżejjed li jilħqu livell ta' suffiċjenza u b'hekk jimmeritaw is-sanzjoni estrema ta' tkeċċija mill-impieg.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jsib li l-Appellant Zaren Clinton Minton ġie liċenżjat minn mal-Kumpanija Appellata Sovereign Hotels Ltd għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 5. Drittijiet

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

for

Mary Rose Galea
A/Segretarja